MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 598/2003

**Avviz numru 598/2003DM**

**Daniel (ID 59869M) u Susan (ID 011057A) konjugi Schembri**

**Vs**

Shiva Trading Co Ltd- Reg No C11102

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti sabiex dawn jigu kkundannati li:

1 Fi zmien qasir u perentorju jikkonsenjaw lill-atturi l-kumplament tal-ghamara ordnata minghandhom skond l-ordni datata l-1 ta' Marzu 2003 (Ordni numru 000369- Dok A anessa mall-avviz) liema ordni kellha tigi konsenjata mhux iktar tard mit-tieni gimgha ta' Marzu 2003;

2 Li fl-istess terminu prefiss il-konvenuti jigu kkundannati jirrimpjazzaw il-mejda li giet konsenjata bil-hsara fiha;
3 U sabiex din il-Qorti tiddikjara illi fin-nuqqas illi jsiru l-konsenji mitluba l-Qorti tiddikjara rexxiss il-ftehim tal-1 ta’ Marzu 2003 u l-konvenuti kkundannati li jhallsu lura lill-atturi s-somma ta’ mitejn u hamsa u sittin lira Maltin (Lm265) imhallsa lillhom bhala depositu fuq l- ordni istess flimkien ma l-imghax bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-hlas taghha u cioe mill-1 ta’ Marzu 2003 sad-data tal-hlas lura;
4 U inoltre sabiex jigi ddikjarat ukoll minn din il-Qorti illi l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni li ser isofru l-atturi fin-nuqqas illi huma jottempraw ruhhom mall-ewwel (1) u t-tieni (2) talbiet liema danni jkunu jikkonsistu fid-differenza fil-prezz li l-atturi jkollhom ihallsu sabiex jakkwistaw l-istess ghamara minghand haddiehor, u liema danni ghandhom jigu likwidati f’gudizzju separat.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja datata 9 t’April 2003 kontra s-socjeta konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Ghall fini ta’ kompetenza gie dikjarat li l-valur tal-ordni huwa ta’ elf u sittin lira Maltin (Lm1060).

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet bil-gurament lil Daniel Schembri u rat id-dokumenti esibiti issib illi t-talba attrici fin-nuqqas ta’ kontestazzjonijiet da parti tas-socjeta konvenuta tirrizulta gustifikata u timerita konferma.

Ghaldaqstant billi mid-deposizzjoni ta’ Daniel Schembri jirrizulta illi l-kumpanija konvenuta naqset illi tikkonsenja l-mejda indikata fl-invoice fis-stat tajjeb, billi din kellha xi difetti fuqha u billi jirrizulta wkoll illi l-istess kumpanija kovenuta naqset li tikkonsenja erba (4) mis-siggijiet elenkati fit-tieni (2) linja tal-ordni u naqset li tikkonsenja t-“3+3 drawer / 2 door sideboard + topdresser” komplet indikat fir-raba (4) linja u naqset li tikkonsenja s-

“sideboard 2 drawer / 2 door“ indikat fl-ahhar linja li minnhu ikkonsenjat biss it-‘topdresser’ qeghda tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex a tenur tal-ewwel talbiet attrici sa zmien xahar mil-lum jikkonsenjaw lill-atturi, fis-stat tajjeb, l-imsemmija mejda u l-ghamara l-ohra li ma gietx ikkonsenjata ossija; erba (4) mis-siggijiet, it-“3+3 drawer / 2 door sideboard + topdresser” u t-“ 2 drawer / 2 door sideboard “ u li fin-nuqqas il-konvenuti jkollhom ihallsu lura lill-atturi s-somma ta’ Lm265 (mitejn u hamsa u sittin lira Maltin) illi huma kienu rcevew minghand l-atturi bhala depositu flimkien mall-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) b’effett mill-1 ta’ Marzu 2003 u anke fin-nuqqas, il-konvenuti jkunu tenuti li jhallsu dawk id-danni li jistghu jsofru l-atturi minhabba d-differenzi fil-prezzijiet tal-ghamara li huma jkollhom jakkwistaw minghand haddiehor u dana;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------